# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 370/2015: **UNTOURS INSURANCE AGENTS LIMITED (C5655) V. NATHANIEL ATTARD (ID. 875G) BĦALA EDITUR TAL-ĠURNAL *IN-NAZZJON* U JOSEPH MICALLEF SIVE JOE MIKALLEF (ID. 497966M)**

(MALAFAMA TA’ NEGOZJU – KAP. 248 ART. 29 – IR-REPUTAZZJONI TA’ KORP ĠURIDIKU)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13 ta’ Ġunju 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta’ Untours Insurance Agents Limited (“ir-rikorrenti” jew “il-kumpanija rikorrenti”) ippreżentat fil-11 ta’ Diċembru 2015 li permezz tiegħu talab lil Nathaniel Attard (“l-intimat Attard”) bħala l-editur ta’ “*In-Nazzjon*” u lil Joseph Micallef sive Joe Mikallef (“l-intimat Micallef”) bħala l-ġurnalist li kiteb l-artikolu intitolat “**Tfalli l-Untours, l-aġenzija tal-assigurazzjoni tal-GWU”** fl-edizzjoni tat-13 ta’ Novembru 2015 sabiex jgħidu ‘l għaliex m’għandhomx jiġu kkundannati:

> “*Prevja dikjarazzjoni illi intom, jew min minnkom, responsabbli ta' inġurja u malafama fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti b'dikjarazzjonijiet Ii intom għamiltu fl-artiklu tat-13 ta' Novembru 2015 miktub u ippubblikat minnkom, jew min minnkom, fil-ġurnal In-Nazzjon bit-titlu "Tfalli l-Untours, l-aġenzija tal-assigurazzjoni tal-GWU" (Dok. UIA1 anness) stante li għamiltu allegazzjonijiet u dikjarazzjonijiet fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti li tafu li huma, jew bid-diliġenza xierqa stajtu tafu li huma foloz u li x’ aktarx jagħmlu ħsara lil xi negozju jew propjetà oħra tas-soċjetà rikorrenti, kif jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża; tħallsu lis-soċjetà rikorrenti dik is-somma li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 29 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta’ Malta). Għal fini ta’ kompetenza jiġi dikjarat li l-ammont pretiż ma*

> *jeċċedix is-somma ta' ħdax il-elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 11,646.87). Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

wara li rat ir-risposta tal-intimat Attard u l-intimat Micallef (flimkien "l-intimati") ippreżentata fil-5 ta' Jannar 2016[1] li permezz tagħha rrispondew kif ġej:

> *"Illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontriha għas-segwenti raġunijiet –*
>
> 1. *Li l-kontenut tal-artikolu lamentat mhux libelluż u / jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u ma jirrappreżentax fatti inveritieri u għalhekk, ma kienx intiz sabiex jagħmel ħsara lil xi negozju jew proprjetà oħra tar-rikorrenti u/jew itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-istess.*
>
> 2. *Illi l-kontenut tal-artikolu lamentat jikkonsisti biss f' fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku li għalhekk, jikkonsistu f' fair comment, kritika aċċettabbli f' soċjetà' demokratika u ezercizzju tal-liberta' tal-espressjoni sancita, inter alia, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*
>
> 3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

wara li rat li fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2017 il-partijiet qablu li l-provi kollha miġbura fil-kawża numru 369/2015 japplikaw għall-kawża odjerna,

wara li ħadet konjizzjoni tal-affidavits ta' Robert Borg[2] u Victor Carachi[3] ppreżentati fid-9 ta' Marzu 2017,

wara li qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu minn din il-Qorti diversement presjeduta, ċioe ta' Nathaniel Attard fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2018[4], ta' Claudette Fenech fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2018[5] u ta' Alfred Parnis fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2018[6],

---

[1] Fol 5
[2] Fol. 18 - 19
[3] Fol. 20-22
[4] Fol. 24-35
[5] Fol. 39-40
[6] Fol. 43 - 47

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet ix-xhieda ta' Robert Borg[7] u ta' Victor Carachi[8] mogħtija in kontro-eżami fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2020[9] u qrat it-traskrizzjonijiet tal-istess xhieda,

wara li rat id-dokumenti l-oħra kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża (inkluż dawk tal-kawża numru 369/2015),

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2021għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Abigail Critien,
- tal-intimati, mill-Avukat Dr. Peter Fenech,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Liġi applikabbli

1. Għall-finijiet ta' preċiżjoni jingħad illi fl-14 ta' Mejju 2018, ċioe' ftit inqas minn sentejn u nofs wara l-ftuħ ta' din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat 'l-Att dwar il-Midja u l-Malafama'. Għalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 ġie mħassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

> « 25(2). … l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar »

2. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna.

### Il-mertu tal-każ

3. L-artiklu mertu ta' din il-kawża kien l-ewwel wieħed minn sensiela ta' artikli miktuba mill-intimat Micallef fil-konfront tar-rikorrenti fuq l-istess tema u ppubblikati fuq il-gazzetta "In-Nazzjon". L-ewwel wieħed, ippubblikat fit-13 ta' Novembru 2015 u li jifforma l-mertu ta' din il-kawża, kien iġorr it-titlu "**Tfalli l-**

---

[7] Fol. 108-113
[8] Fol. 136-137
[9] Fol. 108-113

**Untours, l-aġenzija tal-assigurazzjoni tal-GWU**" bis-subtitolu "**Negozjati biex mill-1 ta' Diċembru tkun amalgamata mal-kumpanija MAPFRE li hi rappreżentata f' Malta minn Middlesea Insurance**." L-artikolu ġie ippubblikat f paġna 32 tal-ġurnal. Fil-korp ta' dan l-artikolu hemm ir-ritratti tal-Kontrollur Finanzjarju tal-GWU Robert Borg u il-President tal-GWU Victor Carachi.. It-tieni artiklu ippubblikat xahar wara fl-istess gazzetta sewwasew fil-ħarġa tal-10 ta' Diċembru 2015, kien iġorr it-titlu "**Wara Ii n-Nazzjon żvela kif l-Aġenzija tal-GWU Untours Falliet, Victor Carachi taħt pressjoni u kritika ħarxa ħafna**" u jifforma l-mertu tal-kawża numru 369/2015 li mxiet flimkien ma' din il-kawża. Iż-żewġ kawżi sostanzjalment jitrattaw l-istess tema u qegħdin jiġu deċiżi llum kontestwalment. Permezz ta' verbal fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2017 il-partijiet qablu li l-provi kollha miġbura fil-kawża numru 369/2015 japplikaw għall-kawża odjerna.

4. Fl-artikolu mertu ta' din il-kawża il-ġurnalist kiteb li l-kumpanija rikorrenti falliet "*mhux għaliex ma' kelliex xogħol imma kaġun ta' amministrazzjoni ħażina li wasslet biex il-flus li kellha din il-kumpanija sussidjarja ntużaw għal raġunijiet oħra.*" Huwa għamel referenza għal irregolaritajiet elenkati mill-Awditur Ġenerali f'rapport li ħejja l-NAO b'rabta mal-kirja ta' parti mill-kwartieri tal-General Workers Union (GWU) lill-ARMS. F'dan ir-rapport, skond l-artikolist intimat, issemmiet kumpanija oħra tal-GWU li ġġorr l-istess isem ċioe il-Vjaġġi Untours, iżda l-kumpanija rikorrenti ma' ssemmietx. Spjega kif ir-rikorrent kienet ilha diversi xhur sejra lura u dan kien fatt magħruf fost il-ħaddiema tagħha. L-intimat Micallef irrapporta ukoll kif il-President tal-GWU Victor Carachi u l-Kontrollur Finanzjarju tal-GWU Robert Borg kienu qegħdin f'taħditiet ma' aġenziji kompetituri (fosthom SMS) sabiex jaraw jistgħux isalvaw il-kumpanija jew inkella jekk tistax tiġi amalgamata ma' xi kompetitur tagħha. F'dan ir-rigward issemma ukoll illi kien hemm negozjati avvanzati mal-kumpanija Spanjola MAPFRE (tramite ir-rappreżentanti lokali tagħhom Middlesea Insurance) sabiex mill-1 ta' Diċembru (ossia ftit ġimgħat wara d-data tal-artiklu) ir-rikorrenti *"tgħaddi f'idejn il-kumpanija MAPFRE wara l-falliment tagħha".* Finalment l-artikolist intimat reġa saħaq illi s-sitwazzjoni inqalgħet minħabba tmexxija ħażina stante illi l-flus kienu qed jittieħdu għal skopijiet oħrajn. Temm jgħid illi skond il-ħaddiema huwa ironika illi n-negozjati kienu qed jitmexxew *"mill-istess nies li t-tmexxija ħażina tagħhom wasslet għal dan il-falliment".*[10]

**Provi**

[10] Fol 2

5. Fl-affidavit tiegħu[11] ppreżentat fid-9 ta' Marzu 2017, **Robert Borg**, konsulent finanzjarju tal-General Workers Union u direttur tal-kumpanija rikorrenti xehed dwar iż-żewġ kawżi li nfetħu kontra l-intimati:

a) Qabel xejn huwa għamel tiegħu l-affidavit ippreżentat u maħluf minn Victor Carachi (iktar dwar dan iżjed 'l quddiem f'din is-sentenza);

b) Mhux veru skond ix-xhud li minn aspett ta' *auditing* u *accounting* l-kumpanija rikorrenti qatt kienet fi stat ta' falliment. Anzi, jgħid li fl-aħħar rapport finanzjarju mdaħħal l-Malta Business Registry u ffirmat minn RSM Malta juri li l-ekwita' tal-kumpanija kienet teċċedi € 960,000. Spjega li l-kumpanija għandha diversi assi, kemm immobbli u kemm assi kurrenti li jeċċedu ferm id-dejn u li jistgħu jagħmlu tajjeb għal kull dejn li hemm rapportat tal-kumpanija.[12]

c) Qal li r-rapporti statutorji li l-kumpanija tibgħat lir-regolatur kull perijodu determinat ta' żmien juri li l-assi relatati mal-*insurance* jeċċedu d-dejn relatat ma' kull *insurance transactions* li l-kumpanija tkun irrapportat lill-istess regolatur.[13]

d) Ix-xhud saħaq li kieku l-kumpanija verament kienet fi stat finanzjarju prekarju jew inkella kellha l-fondi mhux qed jintużaw għal skopijiet ta' insurance, ir-regolatur żgur Ii kien jintervjeni ċioe billi iwaqqaf l-operat tal-kumpanija u / jew jitlob lill-azzjonisti sabiex jagħmlu l-garanziji neċessarji u jagħmlu tajjeb għall-allegat djun.[14]

e) Dwar l-allegat amalgamazzjoni tal-kumpanija ma' Mapfre Middlesea Insurance huwa tenna li dan qatt ma' kien ser ikun il-każ minħabba li l-Untours Insurance riedet biss prinċipal ġdid (minflok il-Qatar Insurance Co) biex l-operat jibqa' kontrollat minnha bħala aġenzija. Saħaq ukoll li qabel ma Mapfre Middlesea Insurance iddeċidiet li tkun il-prinċipal l-ġdid ta' Untours Insurance d-diriġenti tagħha għamlu wkoll process ta' *due diligence.* Ulterjorment qal li biex il-Mapfre Middlesea setgħu isiru l-prinċipal il-ġdid ta' Untours Insurance, riedu jkunu wkoll approvati mill-MFSA u naturalment il-fatt li dan sar huwa konferma wkoll

---

[11]Fol. 18-19
[12]Fol. 18
[13]Fol. 18
[14]Fol. 18

li mhux minnu li r-rikorrenti kienet fi stat ta' falliment jew li kellha xi problemi.[15]

f) Ix-xhud xehed ukoll li r-raġuni wara d-deċiżjoni tal-Qatar Insurance Co li tittermina r-relazzjoni professjonali mar-rikorrenti ma kienetx dik irrapportata mill-intimati iżda filfatt kienet ittieħdet minħabba li għall-prinċipal ma' kienx baqa' jagħmel sens illi tkompli r-relazzjoni fid-dawl tas-suq żgħir lokali u fid-dawl ta' obbligi finanzjarji ġodda li kienet ser ikollha tidħol għalihom fl-2016 minħabba direttiva ġdida li daħlet fis-seħħ. Però r-relazzjoni professjonali tant baqgħet tajba illi anke wara li l-prinċipal waqqfet l-aġenzija, hija assenjat ir-*run-off* lill-istess rikorrenti f'turija ta' fiduċja lejha. Skond ix-xhud dan juri li din ir-relazzjoni baqgħet waħda b'saħħitha kuntrarjament għal dak li prova jpinġi l-artikolista intimat[16]

g) Ix-xhud stqarr li personalment ħassu offiż għaliex fl-artiklu mertu ta' din il-kawża l-intimati ġabu r-ritratt tiegħu u għalhekk tefgħu dell ikrah fuqu għaliex ġie assoċjat mal-allegat *mismanagement* u falliment tal-kumpanija. Spjega ukoll illi huwa qatt ma kellu kariga ta' amministrazzjoni fi ħdan il-kumpanija u li din kienet filfatt titmexxa minn nies kwalifikati fl-*insurance business* u li jkunu ġew approvati mir-regolatur. Huwa qatt ma kien responsabbli mid-deċiżjonijiet li kienu jittieħdu *day-to-day* mill-kumpanija.[17]

6. In kontroeżami fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2020[18] l-istess **Robert Borg** xehed:

a) Li f' isem il-kumpanija tiegħu Reanda Malta Limited huwa responsabbli għal finanzi tal-grupp tal-General Workers Union inkluż tal-kumpanija rikorrenti. Fejn jirrigwarda l- Untours jieħu ħsieb l- accounts tal- kumpanija u l-financial returns li jintbagħtu lir-Reġistratur tal-Kumpaniji ossia' l-Malta Business Registry. Reanda Malta Limited tieħu ħsieb l-accounts u d-ditta tal-awdituri RSM tieħu ħsieb l-awditjar.

b) Mistoqsi dwar l-accounts tas-snin 2014 u 2015 sewwasew dwar kemm kellha flus barra u kemm kellha tiġbor ir-rikorrenti f'dak il-perjodu, x-xhud rrisponda hekk:

---

[15]Fol. 18
[16]Fol. 19
[17]Fol. 19
[18]Fol. 108-113

*"Jien ghandi l- audited accounts tal- 2014 u 2015 li ffirmawhom l- RSM. Bazikament il- kumpanija kellha flus x' tigbor trades u other recievables u cash equivalence ta' zewg miljuni u mitejn elf (2,200,000) u kien hemm zewg miljuni u tmien mitt elf (2,800,000) u kellha x' taghti bazikament zewg miljuni u tlett mitt elf (2,300,000) u fis- sena ta' qabel zewg miljuni u seba' mitt elf (2,700,000). Jigifieri biex niftehmu l-kumpanija meta tigbor l- assi kollha u l- liabilities kollha kellha a net set position ta' kważi miljun ewro (1,000,000)."*

c) Mistoqsi dwar kemm kellha reserves għall-claims ir-rikorrenti, ix-xhud rrisponda illi f'dak li għandu x'jaqsam *insurance assets* u *insurance liabilities* dawn huma regolati mir-regolatur (l-MFSA) u li l-Untours tibgħat r-*returns* lill-MFSA. Jekk ikun hemm *deficiency,* jiġifieri jekk ikun hemm *insurance liabilities* iktar minn *assets*, l- MFSA titlob *performance review.* Spjega li ma' kien hemm ebda talba ta' din ix-xorta mingħand l-MFSA. Ix-xhud spjega li *insurance assets* kien hemm ċirka miljun u mitt elf euro (€1,100,000). Dawn huma r-*recoveries*, id-debituri, l- *cash in hand* u l-ammonti li kellhom jidħlu mill-prinċipal. Spjega ukoll illi kien hemm *insurance liabilities* (ossia t-*trade creditors) ta' €823,000* u li b'kollox kien hemm *surplus* ta' €423,000. Dwar *insurance reserves* spjega illli dawn ikunu parti mill-*current assets* kif rapportati fl-*istatements*. Ix-xhud ippreżenta ukoll l-*audited accounts* għas-snin li għalqu fil-31 ta' Diċembru 2014 u 31 ta' Diċembru 2015 (Dok RB1 u Dok RB2[19]).

d) Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrenti bdiet ir-relazzjoni tagħha bħala aġent tal-Mapfre Middlesea lejn l-aħħar tas-sena 2015. Mistoqsi biex jagħti l-*loss ratio* tar-rikorrenti fis-snin 2013, 2014 u 2015 huwa rrisponda li ma' kellux figuri eżatti fuqu però mill-memorja tiegħu seta' jgħid illi:

*"mal- Qatar kienet xi eighty- five (85) u ninety (90) per cent. U ma' Mapfre konna nizzilniha xi sixty- five (65) sixty (60) per cent"*

F'dan ir-rigward huwa stqarr illi:

*"Jiġifieri bazikament mal- Qatar konna f' sitwazzjoni fejn konna full agents u konna niehdu ħsieb il- claims handling ahna. Ma' Mapfre ... ahna full agents imma m' ahniex il- claims handling kif kellna mal- Qatar. Jiġifieri bazikament hemm iktar kontrolli min- naha ta' Mapfre milli mill- Qatar. Bazikament il-loss ratio*

[19] Fol 114-135

*eighty (80) per cent ifisser meta inti l- flus li qed iddahhal qisek ghandek eighty (80) per cent loss ghax inti tħallashom lura kontra claims... Issa ssib ħafna kumpanija fis- suq illi, għall- Qatar sakemm konna ninety ('90) ninety- five (95) kienu sodisfacenti. Ġieli ssib kumpaniji fis- suq li jkunu one hundred and forty (140), one hundred and fifty (150). Tinsix li dawn il- kumpaniji jkollhom ir- re-insurance policies taghhom. Issa fil- Qatar li nixtieq nispecifika hija li kulhadd jaf li Untours Insurance kienet predominantly motor. Il- Qatar kienu country national, kienu gejjin ovvjament mhumiex fl- Ewropa, kienet dahlet l- insurance directive dak iz- żmien u l- MFSA pretendew ovvjament element ta' garanziji biex ikunu jistghu joperaw fis- suq. Ir- risk profile tal- Qatar għall- motor business ma baqax rotta għall-Malta u allura kellna nsibu prinċipal iehor u mhux minħabba sitwazzjonijiet oħra kif kien hemm miktub fl- artiklu."*

7. Fl-affidavit tiegħu[20] ppreżentat fid-9 ta' Marzu 2017, **Victor Carachi**, President tal-General Workers Union u direttur tal-kumpanija rikorrenti xehed li l-kumpanija rikorrenti qatt ma kienet fi stadju ta' falliment u li din għadha għaddejja topera mingħajr problemi sal-ġurnata tal-lum. Dwar l-artiklu mertu ta' din il-kawża huwa stqarr illi:

   a) Dak iż-żmien li ġie ppublikat l-artiklu r-rikorrenti kienet qed tfittex prinċipal ġdid peress illi l-Qatar Insurance Co. kienet qaltilhom li tixtieq tittermina l-aġenzija. Dan però ma' kellux x'jaqsam ma' xi kwistjoni ta' falliment jew qagħda finanzjarja ħażina tar-rikorrenti kif allegaw l-intimati. Huwa kkonferma dak li qal ix-xhud l-ieħor Robert Borg u ċioe illi li ġara kien illi l-prinċipal ma' baqax jara li kien jaqbillu illi jibqa' jopera ġewwa pajjiżna minħabba ċ-ċokon ta' pajjiżna meta mqabbla mal-obbligi l-ġodda li kien ser ikollu jidħol għalihom minħabba liġijiet ġodda. [21]

   b) Wara li daħal il-prinċipal l-ġdid Mapfre Middlesea kellu jsir *restructuring* tal-aġenzija għaliex parti mix-xogħol li kien jagħmlu l-Untours għal prinċipal barrani, l-Qatar bħal claims handling u *purchasing of parts* kienet diġa tagħmlu l-Mapfre Middlesea. Ippreċiża ukoll li mhux minnu li saret amalgamazzjoni kif qed jiġi allegat fl-ewwel paragrafu tal-artikolu imma fil-verità sar bdil ta' prinċipal ma ieħor.[22]

[20]Fol. 20
[21]Fol. 20
[22]Fol. 20

c) Ix-xhud ħassu offiż minn dan l-artikolu (kemm personalment kif ukoll fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' l-istess kumpanija) l-ewwel nett għaliex ġabu ritratt personali tiegħu u għalhekk tefgħu dell ikrah fuqu bħal li kieku hu kien personalment responsabbli għall-istess aġenzija jew li għamel xi ħaġa ħażina biex din allegatament tfalli meta hu wieħed mid-diretturi u fuq kollox l-istess aġenzija qatt ma kienet fi stat ta' falliment u fit-tieni lok bħala direttur ma' kellu l-ebda' responsabiltà għad *day-to-day management* tal-operat. Bħala direttur huwa filfatt jieħu ħsieb il-*policies* tal-istess rikorrenti u jara li dawn jiġu mwettqin mill-*management.*[23]

d) Ix-xhud stqarr illi kien hemm malafama ukoll fil-konfront tiegħu u tar-rikorrenti meta fit-tieni paragrafu tal-artikolu l-intimat allega li r-rikorrenti spiċċat fi stat ta' falliment ***"kagun ta' amministrazzjoni ħażina li wasslet biex il-flus li kellha din il-kumpanija sussidjarja ntużaw għar-ragunijiet oħra".*** Huwa qies tali kliem bħala libelluż għaliex bir-ritratt li tqiegħed:

*"gejt implikat li jien ghandi xi poter li nista' nitrasferixxi xi flus jew naghmel xi azzjonijiet waħdi meta dan qatt ma kien possibli fil-kapaċita' tiegħi ta' direttur u fuq kollox għaliex jien, kif diġa' għedt ma kontx parti mill-management. Bir-ritratt tiegħi u kif ġejt impinġi u deskritt, min kien qed jaqra l-artikolu ingħata x' jifhem li jien stajt użajt flus tal-kumpanija għal skopijiet oħra (minghajr ma ssemma x' setgħu kienu tali skopijiet) u għalhekk intefa' dubbju fuq l-integrita' tiegħi kemm bħala persuna kif ukoll bħala direttur tal-istess kumpanija u bħala President tal-GWU."*[24]

e) Ix-xhud żied li minkejja li skond l-artikolu r-rikorrenti kienet ***"ilha diversi xhur sejra lura"*** u li ***"falliet"*** fil-verità' fiż-żmien li kien ppubblikat l-istess artikolu, r-rikorrenti qatt ma kellha problema ta' likwidita' hekk kif muri mill-*balance sheet* ppreżentata lil MFSA għall-perijodu li għalaq f' Diċembru 2015 u għalhekk żgur li ma kienx hemm xi idea ta' falliment.[25]

f) Dwar l-effetti li kellu l-artikolu mertu tal-kawża fuq ir-rikorrenti ix-xhud qal illi:

[23]Fol. 20
[24]Fol. 21
[25]Fol. 21

> *"Tali artikolu ghamel ħsara kbira lil kumpanija Untours Insurance Agents Limited għaliex ġiet deskritta bħala kumpanija 'falluta' u allura kien ferm aktar difficli biex isiru negozzjati ma terzi meta l-istess kumpanija kienet qed tiġi deskritta bħala kumpanija 'falluta' (minkejja li ma kienitx) u għalhekk, kumpaniji u terzi li setgħu kienu interessati, għalqu l-bibien għaliex ma riedux li jagħmlu n-negozju ma kumpanija li kienet qed tiġri l-kelma li hi falluta. Dan kien reklam ħazin u negattiv li ħalla reperkussjonijiet kbar għaliex l-istess kumpanija kella ostaklu iehor x' tirbaħ u ċioe' li tikkonvinci lil tali terzi (fosthom il-Mapfre Middlesea) li fil-verita' ma kienitx falluta. Apparti minn hekk hemm aspett ta' reputational damage fis-suq bil-konsegwenzi tagħha u li ma tistax tiġi kwantifikata malajr għaliex intefa' dell ikrah fuq il-kumpanija, tant li kellha diversi telefonati fuq is-sitwazzjoni għaliex klijenti bdew jibzgħu li ma kienux assigurati jew koperti biżżejjed.*"[26]

Rigward il-mertu tal-artikolu l-ieħor (ċioe dak li jifforma l-mertu tal-kawża numru 369/2015) huwa spjega illi:

g) Hassu offiż għaliex kien hemm ir-ritratt tiegħu bħal li kieku kien personalment responsabbli waħdu. Hassu offiż ukoll minħabba l-fatt li ma kien hemm l-ebda' pressjoni (la kbira u lanqas żgħira) jew kritika ħarxa (jew minima) fil-konfront tiegħu: " B' referenza għal kliem fl-artikolu li kien ***"jinstab taħt pressjoni kbira u kritika interna ħarxa"*** huwa qal li dan mhux minnu u li "*kulhadd baqa' juri fiduċja fiha personalment u soldarjeta' u hadd ma kritikani għaliex fuq kollox qatt ma kont ghamilt xejn biex nimmerita tali allegata kritika (u dan anki' għaliex kif diga' ghedt fuq l-artikolu l-iehor), il-kumpanija qatt ma kienet fi stat ta' falliment."*[27]

h) Dwar dak li ntqal fl-artikolu li " ***. . .t-tmexxija ħażina tal-Union wasslet biex hadet il-flus kollha li kellha din il-kumpanija sussidjarja biex intużaw għar-ragunijiet oħra"*** ix-xhud spjega li "*tali kliem hu libelluż fil-konfront tiegħi għaliex jaghti l-impressjoni li kien hemm xi forma ta' misappropjazzjoni li qatt ma kien hemm. Kieku l-awdituri kienu jiehdu passi kontrija jew kontra xi dirigenti jew l-amminstrazzjoni tal-istess kumpanija li*

[26]Fol. 21
[27]Fol.21-22

*nista' nikkonferma li ma sarx għaliex fil-verita' qatt ma kien hemm xi allegazzjoni ta' dan it-tip hlief permezz ta' dan l-artikolu."*[28]

i) Finalment xehed li huwa ma' jagħtix pariri finanzjarji. [29]

8. L-istess xhud **Victor Carachi** xehed in kontroeżami fis-seduta tal-14 ta' Diċembru, 2020. Huwa kkonferma li għadu direttur tar-rikorrenti flimkien ma' Robert Borg Josef Bugeja u Kevin Camilleri. Mistoqsi meta l-Qatar Insurance Co. riedet titlaq minn Malta huwa stqarr illi:

   "*Kif taf kemm ilna parti mill- EU r- regoli fejn jidhlu l- insurance u l-banek, fejn jidhlu regoli jiġifieri ta' compliance kienu zdiedu ħafna tali mod illi nahseb kull insurance company kien hemm mergers bħal Gasan Mamo u huma raw illi bejn il-volum li konna qed niggeneraw ahna u l- business li konna qed naghtuhom ma kienx jagħmel iktar sens għalihom li jibqghu joperaw bħala aġenti taghna. Sorry bħala prinċipal taghna."*

   Dwar l-effett tal-artikolu fuq l-operat tar-rikorrenti huwa qal illi għalkemm in-negozju baqa' sejjer l-istess madanakollu l-artikolu ma' tantx għamel ġid u filfatt ir-rikorrenti kienet irċeviet numru ta' *queries* mingħand il-klijenti tagħha.

9. L-intimat **Nathaniel Attard**, li kien jokkupa l-kariga ta' editur tal-gazzetta: *"In-Nazzjon*" fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-artikli in kwistjoni, xehed fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2018[30] illi huwa kien ilu xi sentejn illi ma' baqax jokkupa din il-kariga. Ikkonferma li l-artikli kitibhom l-intimat Micallef li anke kien il-persuna li ħadem fuq l-istorja. Mistoqsi jekk qabel ma nkitbu u ġew ippubblikati l-artikoli tkellmux ma Robert Borg, jew ma Victor Carachi jew ma xi rappreżentant tar-rikorrenti b' mod uffiċjali huwa stqarr illi ma' jidhirlux għalkemm ma' kienx ċert. Mistoqsi għaliex ġew ippubblikati r-ritratti ta' Robert Borg u Victor Carachi huwa irrisponda li dan sar għaliex kien hemm rabta mal-istorja.

10. Dwar l-istorja nnifisha huwa xehed li:

    "*hemm dettalji kif falliet u xi pruvat taghmel, li pruvat tinxtara mill-MAPFRE, mill-Middlesea, u jidher li dawk it-tahdidiet imma fallew, li kien hemm sub-agent Haz*

[28] Fol. 22
[29] Fol. 22
[30] Fol. 32 - 43

> *Zabbar li vera kien spicca ovvjament minghajr xogħol, u dak jidhirli li kellimnieh, imma subject to correction, u li ovvjament fit-tmexxija kien hemm Victor Carachi u Robert Borg illi kien kontrollur finanzjarju tal-Untours. Allura naturalment, bħala ufficcjali tat-tmexxija tal-Untours huma kienu l-persuni illi ovvjament ahna fl-artiklu qed nispjegaw kif kagun tat-tmexxija tal-managment tal-Untours kellha l-problemi.”*

11. Mistoqsi jekk għamlux verifiki mal-MFSA huwa rrisponda li l-aħjar persuna biex iwieġeb kien l-intimat Micallef. Huwa stqarr però li kienu tkellmu ma’ ħaddiema affettwati mill-allegat falliment tar-rikorrenti. Stqarr ukoll illi bħala editur ma’ kienx jidħol fuq xogħol il-ġurnalisti u li kien itihom il-fiduċja li jagħmlu l-verifiki tagħhom.

12. Dwar dak li inkiteb fuq l-amalgamazzjoni tar-rikorrenti mal-kumpanija Middlesea Insurance meta li kien qed isir biss kien li jitbiddel il-prinċipal huwa rrisponda li l-artikolu jgħid li kien hemm din il-possibilità u li kien hemm taħditiet ma’ aġenziji kompetituri. Ix-xhud rrifera għall-artikolu mertu tal-kawża numru 369/2015 (ippubblikat fl-10 ta’ Diċembru 2015) fejn jingħad li f’ Settembru 2015 l-Middlesea kienet ħabbret li ser taħtar lil Untours bħala wieħed mill-aġenti tagħha u dan wara li l-Qatar Insurance Co. ddeċidiet li tittermina l-aġenzija f’Malta. Skond ix-xhud dan kien stat ta’ fatt. Meta ġie mistoqsi imbagħad dwar l-artikolu tat-13 ta’ Novembru 2015 fejn inkiteb illi kien hemm *“negozjati biex mill-1 ta’ Diċembru tkun amalgamata mal-kumpanija MAPFRE”* huwa qal illi l-artiklu jirriferi għal negozjati u mhux għall-amalgamazzjoni nnifisha u ma’ kienx jaf iwieġeb jekk effettivament tali amalgamazzjoni sarietx jew le.

13. Mistoqsi jekk ġewx imkellma rappreżentanti tal-Middlesea jew tal-Qatar Insurance Co. qabel ma’ ġew ippubblikati l-artikli huwa rrisponda li l-Middlesea ġew avviċinati pero’ dan il-fatt seta’ jikkonfermah biss il-ġurnalist.

14. Finalment stqarr illi għalkemm ma’ kienx għadu jaħdem mal-ġurnal huwa kien tkellem mal-editur l-ġdid u kienu jinsabu lesti li jekk ħadu żball jagħmlu korrezzjoni biex il-kawża tiġi riżolta.

15. Fis-seduta tas-17 ta’ Mejju 2018 ix-xhud **Claudette Fenech**, rappreżentanta tal-Malta Business Registry, ġiet mitluba tixhed u tesebixxi dokumenti li jistgħu jagħtu informazzjoni dwar ir-rikorrenti u jekk qattx kien hemm xi dikjarazzjoni ta’ falliment, jew problemi ta’ finanzi li setgħu iwasslu għal xi proċeduri relatati ma’ xi falliment. Intalbet ukoll tiddikjara jekk l-MFSA ħaditx xi passi jew bagħtitx xi korrispondenza dwar xi falliment jew le u jekk intbagħtitx xi korrispondenza ukoll li

fis-sena 2015 jew qabel ir-rikorrenti kienet fi stat ta' falliment. Intalbet ukoll tikkonferma jekk xi rapport finanzjarju tagħha kienx ġie ikkwalifikat.[31] Ix-xhud ippreżentat il-*file* pubbliku tal-kumpanija rikorrenti (immarkat bħala Dok CF1) liema *file* fi tlett volumi inżamm ġewwa s-sigrieta tal-Maġistrat Sedenti li kien qed jisma' din il-kawża.

16. Ix-xhud stqarret illi:

> *"Li nista' nghidlek minn naha ta' accounts ma kienx hemm dan it-tip ta' stat ħazin finanzjarju. Il-penalitajiet ma jitilghux b'xi mod b'esagerazzjoni li wieħed ma jlahhaqhomx, igifieri dak l-iktar li nista' nikkonferma minn naha tiegħi."* [32]

17. Fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2018 xehed imbagħad **Alfred Parnis**, *Deputy Director* fi ħdan l-*Insurance and Pensions Supervision Unit* tal-MFSA[33]. Huwa intalab jixhed dwar l-istat finanzjarju tal-kumpanija, dwar jekk qatt xi darba kien hemm problemi relatati ma' xi falliment, jekk qatt kien hemm xi *audited accounts* li kien hemm problemi dwarhom fis-sens li setgħu l-MFSA tagħti xi penalitajiet jew xi ħaġa f'dan is-sens, u sabiex jippreżenta dokumentazzjoni illi b'xi mod tindika xi problemi kemm ta' finanzi, ta' falliment jew xi ħaġa f'dan is-sens.

18. Ix-xhud ippreżenta l-*annual reports u financial statements* tar-rikorrenti għas-snin 2015, 2016 u 2017 (Dok AP1-AP3[34]). Dwar id-dokumentazzjoni fir-rigward tas-sena 2015 huwa qal illi:

> *"Jekk tara l-audited financial statements, l-auditors report huwa … it's a clean auditors' report igifieri ma hemmx fih miktub li hemm xi affarijiet li sabu hziena fil-financial statements."* [35]

Ix-xhud qara ukoll l-opinjoni tal-awdituri tar-rikorrenti fl-*annual report* tal-2015 fejn dawn qalu illi:

> *"in our opinion the financial statements give a true and fair view of the financial position of Untours Insurance Agents Ltd as at 31st December 2015 and financial performance and its cash flow for the year then ended, in accordance with the*

---

[31] Fol. 49-50
[32] Fol 49b
[33] Fol. 55-59
[34] Fol. 60-95
[35] Fol. 56

*international financial reporting statements as adopted by the European Union and has been appropriately prepared in accordance by the Companies' Act 1995."*

Skond ix-xhud, jekk wieħed jara t-*total equity* ċioe d-differenza bejn l-*assets* u l-*liabilities* tar-rikorrenti għas-sena 2015, dan kien ta' €964,635 li jfisser li kien hemm ħafna aktar *assets* minn *liabilities.* Stqarr ukoll illi dawn ir-rapport huma aċċessibbli għall-pubbliku minn fuq l-internet.

19. Mistoqsi jekk fl-10 ta' Diċembru 2015 kien hemmx xi indikazzjoni li kien hemm xi problemi ta' falliment huwa rrisponda fin-negattiv u qal illi l-*accounts* kienu ċari dwar dan.[36]

**The *ordinary meaning* u s-*single meaning* tal-pubblikazzjoni lamentata**

*Il-liġi komuni u ġurisprudenza Ingliża*

20. Il-Qorti tagħmel riferenza għall-prinċipji tal-"*Ordinary Meaning of Words"* u s-*"Single Meaning*" tagħhom fil-liġi komuni Ingliża. F'dan ir-rigward il-Gatley jgħid hekk:

> « *While some indication, express or implied, of what underlies the alleged comment is necessary the ultimate question on whether the words are comment or fact is how they would strike the ordinary, reasonable reader and it is unlikely that any attempt to formulate general principles of construction will be of much help, especially bearing in mind that any particular statement must be taken in the context of the piece as a whole… Context: Words must always be read in their context and the context of the piece as a whole may point to the conclusion that words which could, taken literally, be statement of fact are comment.* » [37]

21. Fis-sentenza mogħtija mill-*House of Lords* (li l-funzjoni ġudizzjarja tagħhom llum tappartjeni lill-Qorti Suprema tar-Renju Unit) fl-ismijiet: **Lewis v Daily Telegraph [1964] AC 234** *inter alia* ingħad is-segwenti minn Lord Devlin:

> « *The ordinary meaning of words and the meaning enlarged by innuendo give rise to separate causes of action, but there has also been a divergence between the popular and the legal meaning of " innuendo." The natural and ordinary meaning of words for the purposes of defamation is not their natural and ordinary meaning for other purposes of law. There must be added to the implications which a court is prepared to make as a matter of construction all such insinuations and innuendos as could reasonably be read into them by the ordinary man...*

[36]Fol. 58
[37] Gatley on Libel and Slander (11th edition), (2008), The Common Law Library, ed. Milton P et. al., para.12.10-12.11, p. 346

*My Lords, the natural and ordinary meaning of words ought in theory to be the same for the lawyer as for the layman, because the lawyer's first rule of construction is that words are to be given their natural and ordinary meaning as popularly understood. The.proposition that ordinary words are the same for the lawyer as for the layman is as a matter of pure construction undoubtedly true. But it is very difficult to draw the line between pure construction and implication, and the layman's capacity for implication is much greater than the lawyer's. The lawyer's rule is that the implication must be necessary as well as reasonable. The layman reads in an implication much more freely; and unfortunately, as the law of defamation has to take into account, is especially prone to do so when it is derogatory.* »

22. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales, **Slim and Others v. Daily Telegraph Ltd. and Others [1968] 2 Q.B. 157** Lord Diplock qal is-segwenti fuq id-duttrina tas-"*Single Meaning"* stabbilita fil-*Common Law:*

« *In the spring of 1964 two short letters appeared in the correspondence columns of the "Daily Telegraph." Written by Mr. Herbert, they formed part of a robust though desultory controversy about the prospective use by motor vehicles of a public footpath forming part of Upper Mall in Hammersmith. Neither letter can have taken a literate reader of that newspaper more than 60 seconds to read before passing on to some other, and perhaps more interesting, item. Any unfavourable inference about the plaintiffs' characters or conduct which he might have drawn from what he read would have been one of first impression. Yet in this court three lords justices and four counsel have spent the best part of three days upon a minute linguistic analysis of every phrase used in each of the letters. If this protracted exercise in logical positivism has resulted in our reaching a conclusion as to the meaning of either letter different from the first impression which we formed on reading it, the conclusion reached is unlikely to reflect the impression of the plaintiffs' character or conduct which was actually formed by those who read the letters in their morning newspaper in 1964.*

*Nevertheless, the artificial and archaic character of the tort of libel makes the exercise necessary in this appeal, even though in the end we return to the first impression with which we began. Libel is concerned with the meaning of words. Everyone outside a court of law recognises that words are imprecise instruments for communicating the thoughts of one man to another. The same words may be understood by one man in a different meaning from that in which they are understood by another and both meanings may be different from that which the author of the words intended to convey. But the notion that the same words should bear different meanings to different men and that more than one meaning should be "right" conflicts with the whole training of a lawyer. Words are the tools of his trade. He uses them to define legal rights and duties. They do not achieve that purpose unless there can be attributed to them a single meaning as the "right" meaning. And so the argument between lawyers as to the*

*meaning of words starts with the unexpressed major premise that any particular combination of words has one meaning which is not necessarily the same as that intended by him who published them or understood by any of those who read them but is capable of ascertainment as being the "right" meaning by the adjudicator to whom the law confides the responsibility of determining it.*

*That is what makes the meaning ascribed to words for the purposes of the tort of libel so artificial. In the present appeal, although legal innuendoes (see Lewis v. Daily Telegraph Ltd have been pleaded, no reliance has been placed in the argument upon them. The whole discussion has been about the "natural and ordinary meaning" of the words used in the letters. What is the "natural and ordinary meaning" of words for the purposes of the law of libel? One can start by saying that the meaning intended to be conveyed by the publisher of the words is irrelevanti. However evil the imputation upon the plaintiff's character or conduct he intended to communicate, it does not matter if, in the opinion of the adjudicator upon the meaning of the words, they did not bear any defamatory meaning. However innocent an impression of the plaintiff's character or conduct the publisher of the words intended to communicate, it does not matter if, in the opinion of the adjudicator upon the meaning of words, they did bear a defamatory meaning. This would be rational enough if the purpose of the law of libel were to afford compensation to the citizen for the unjustifiable injury to his reputation actually caused by the publication of the words to those to whom they were communicated. But although in assessing damages the courts now accept this as the purpose of the civil action (see Rookes v. Barnard and McCarey v. Associated Newspapers Ltd. (No. 2), we refuse to accept its logical corollary that the relevant question in determining liability for libel is: "What did those to whom the words were published actually understand them to mean?" The best evidence of that would be the evidence of the persons to whom the words were actually published. Yet, save in exceptional cases where a "legal" innuendo is relied on, it is not even permitted to ask a witness to whom the words were published: "What did you understand them to mean?" What he did actually understand them to mean does not matter. This too might be rationalised on the ground that the publisher of the words ought to be responsible in law only for the injury caused to the plaintiff's reputation by those defamatory inferences which a reasonable man might draw from the words published, and the witness to whom the words were published may not have been reasonable in drawing the defamatory inferences which he in fact drew. But this rationalisation breaks down once it is conceded, as it has been by the House of Lords in Lewis v. Daily Telegraph, that one man might be reasonable in drawing one defamatory inference from the words and another man might be reasonable in drawing another defamatory inference. Where, as in the present case, words are published to the millions of readers of a popular newspaper, the chances are that if the words are reasonably capable of being understood as bearing more than one meaning, some readers will have understood them as bearing one of those meanings and some will have understood them as bearing others of those meanings. But none of this matters. What does matter is what the adjudicators at the trial thinks is the one and only*

*meaning that the readers as reasonable men should have collectively understood the words to bear. That is "the natural and ordinary meaning" of words in an action for libell.* »

23. Din id-duttrina ġiet ikkritikata matul iż-żminijiet u ġiet ukoll mwarrba f'dawk il-kawżi ta' libell li jirrigwardaw "*malicious falsehood*" u l-privileġġ kwalifikat fosthom tal-kondotta tal-ġurnalist fil-pubblikazzjoni ta' artiklu ("journalistic conduct")[38]. Madanakollu anke meta ġiet iffaċċjata bi kritika, xi kultant ħarxa, l-utilita ta' din id-duttrina ġiet xorta waħda rikonoxxuta:

« *Language is inherently imprecise. Words and phrases and sentences take their colour from their context. The context often permits a range of meanings, varying from the obvious to the implausible. Different readers may well form different views on the meaning to be given to the language under consideration. Should the law take this into account when applying the objective standard of responsible journalism? Or should the law simply apply the objective standard of responsible journalism to the single meaning the law attributes to the offending words, regardless of how reasonable it would be for a journalist or editor to read the words in a different, non-defamatory sense? ... At first sight there might seem to be some legal logic in applying the latter approach. The "single meaning" rule adopted in the law of defamation is in one sense highly artificial, given the range of meanings the impugned words sometimes bear ...* ***Nevertheless, given the ambiguity of language, the rule does represent a fair and workable method for deciding whether the words under consideration should be treated as defamatory. To determine liability by reference to the meaning an ordinary reasonable reader would give the words is unexceptionable*** (emfasi miżjuda mill-Qorti). » [39]

24. Imbagħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales, **Gillick v Brook Advisory Centres & Anor [2001] EWCA Civ 1263** il-Qorti kienet emfatika meta kkwotat lill-Qorti tal-Ewwel Istanza (Imħallef J. Eady):

« *Eady J produced what, if I may respectfully say so, was an impeccable synthesis of the authorities in this area of the law when directing himself as to the approach he should adopt to the respondents' application. I can do no better than to repeat this: "The proper role for the judge when adjudicating a question of this kind is to evaluate the words complained of and to delimit the range of meanings of which the words are reasonably capable, exercising his or her own judgment in the light of the principles laid down in the authorities ... If the judge decides that any pleaded meaning falls outside the permissible range, then it will be his duty to rule*

[38] Ara per eżempju **Reynolds v Times Newspapers Ltd [2001] 2 AC 127**, **Jameel & Ors v Wall Street Journal Europe Sprl [2006] UKHL 44** u **Bonnick v. Morris [2002] 3 WLR 820**
[39] **Bonnick v. Morris [2002] 3 WLR 820**

> *accordingly. In deciding whether words are capable of conveying a defamatory meaning, the court should reject those meanings which can only emerge as the produce of some strained or forced or utterly unreasonable interpretation. The purpose of the new rule is to enable the court to fix in advance the ground rules and permissible meanings, which are of cardinal importance in defamation actions, not only for the purpose of assessing the degree of injury to the claimant's reputation but also for the purpose of evaluating any defences raised, in particular, justification and fair comment. **The court should give the article the natural and ordinary meaning which it would have conveyed to the ordinary reasonable reader reading the article once*** (emfażi miżjuda mill-Qorti). *Hypothetical reasonable readers should not be treated as either naive or unduly suspicious. They should be treated as being capable of reading between the lines and engaging in some loose thinking, but not as being avid for scandal. **The court should avoid an over-elaborate analysis of the article, because an ordinary reader would not analyse the article as a lawyer or accountant would analyse documents or accounts*** (emfażi miżjuda mill-Qorti). *Judges should have regard to the impression the article has made upon them themselves in considering what impact it would have made on the hypothetical reasonable reader. **The court should certainly not take a too literal approach to its task***. (emfażi miżjuda mill-Qorti). »

25. Fis-sentenza tal-*High Court* tal-Ingilterra u Wales fl-ismijiet **Lowe v Associated Newspapers Ltd | [2006] 3 All ER 357** ġie ikkonfermat ukoll illi d-duttrina tat-tifsira singulari tapplika ukoll għall-każijiet tad-difiża tal-*fair comment* minkejja li f'dik il-kawża kienet saret talba speċifika lill-Qorti appuntu sabiex teskludi l-applikazzjoni tad-duttrina f'tali każijiet.

*It-tifsira li għandha tingħata lill-allegazzjoni pubblikata mill-intimati*

26. F'din il-kawża (u fil-kawża numru 369/2015) l-lamentela prinċipali tal-kumpanija rikorrenti hija dik illi hija ġiet deskritta bħala li falliet tant illi kienet għaddejja f'negozjati sabiex tiġi amalgamata mal-kumpanija Mapfre. Skond l-istess kumpanija dan l-allegazzjoni hija waħda illi l-intimati kienu jafu jew bid-diliġenza xierqa tagħhom setgħu jkunu jafu li hija waħda falza u li x'aktarx ser tagħmel ħsara lin-negozju tar-rikorrenti ai termini tal-Art. 29 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

27. B'mod addizzjonali fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2018 l-avukat difensur tar-rikorrenti tenniet illi d-diretturi Victor Carachi u Robert Borg kienu ħassuhom ukoll malafamati bil-fatt illi kellhom ir-ritratti tagħhom riprodotti bi prominenza mal-artiklu in kwistjoni. Anke fix-xhieda tagħhom iż-żewġ diretturi stqarrew li ħassuhom offiżi bil-pubblikazzjoni tar-ritratti tagħhom u bl-allegazzjoni illi huma kienu b'xi mod responsabbli għall-istat ta' falliment tal-kumpanija rikorrent.

Madanakollu jrid jingħad mill-ewwel illi t-talbiet tar-rikorrenti huma għar-risarċiment tad-danni morali taħt l-Art. 29 tal-Kap. 248 (malafama tan-negozju) u ma' kien hemm l-ebda talba jew talbiet mid-diretturi fil-vesti personali tagħhom sabiex jiġu mogħtija kumpens għal xi danni morali taħt l-Art. 28 tal-istess Kap ossia għal malafama li kellha l-għan li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tagħhom. Għalhekk il-Qorti ma' tistax tinoltra ruħha fil-mertu tal-lamenteli magħmula mid-diretturi sa' fejn dawn jikkonċernaw l-allegazzjoni li jistgħu jolqtu r-reputazzjoni personali tagħhom.

28. Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-falliment tal-kumpanija rikorrenti tajjeb jingħad illi fil-liġi Maltija kumpanija qatt ma' tista' tkun fi stat ta' falliment. Filfatt skond l-Art. 326 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi kif ġej:

> « 326.(1) It-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ dwar falliment ma għandhomx japplikaw għal kumpanija.
>
> (2) Riferenzi f'liġijiet oħra barra mit-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ għal fallut għandhom, meta r-rabta tal-kliem hekk teħtieġ, ikunu mfissra bħala li jinkludu riferenzi għal kumpanija li tkun qed tiġi stralċjata f'ċirkostanzi ta' insolvenza taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, u riferenzi għal fallut għandhom jiftiehmu f'dan is-sens. »

Skond l-istess Kap. 386, kumpanija tista' tkun f'ċirkostanzi ta' insolvenza u allura jista' jinbeda l-proċess ta' xoljiment fil-konfront tagħha u tiġi eventwalment stralċjata mill-Qorti jekk hija ma' tkunx tista' tħallas id-djun tagħha. Kumpanija tista' titqies li tkun f'din is-sitwazzjoni mill-Qorti jekk id-dejn dovut minnha jibqa' ma' jitħallasx kollu wara 24 ġimgħa minn mindu jiġi eżegwit titolu eżekuttiv fil-konfront tagħha b'xi wieħed mill-atti eżekuttivi (bħal pereżempju bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru) jew inkella meta jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha meta jitqabbel il-passiv kontinġenti mal-prospettiv tal-kumpanija.[40]

29. Il-kunċett ta' falliment jeżisti biss fil-liġi tagħna fil-konfront ta' individwu jew ta' entita li ma' tkunx kumpanija. L-istat ta' falliment huwa deskritt fil-Kodiċi Kummerċjali bħala stat fejn wieħed jieqaf iħallas id-djun tiegħu:

> « 477.Kull kummerċjant li jieqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu hu fi stat ta' falliment »

[40] Kap.386, Art. 214(5)

30. Kif diġa ngħad però it-tifsira li għandha tingħata mill-Qorti lill-allegazzjoni lamentata hija dik it-tifsira singulari, naturali u ordinarja li qarrej raġjonevoli ta' intelliġenza ordinarja jitqies li jagħti lill-istess allegazzjoni. Ċertament għalhekk li l-Qorti ma' tistax tidħol fuq dawn l-irqaqat legali li fis-sewwa jaf lanqas ikunu a konoxxenza ta' bnedmin legali (għajr għal dawk li jaħdmu fil-kamp kummerċjali), aħseb u ara kemm jistgħu ikunu magħrufa minn qarrej ordinarju. Hija l-fehma tal-Qorti illi dak li bniedem ordinarju jipperċepixxi bħala stat ta' falliment huwa dak l-istat fejn kumpanija tkun f'sitwazzjoni finanzjarja tant ħażina li ma' tkunx tista' tlaħħaq mad-djun tagħha, liema djun jkunu jeċċedu l-beni tagħha. Hija din it-tifsira li l-Qorti tqis li għandha tingħata lid-dikjarazzjoni impunjata mill-kumpanija rikorrenti. M'huwiex il-każ illi, kif donnu ta' x'jifhem ix-xhud Nathaniel Attard f'parti mix-xhieda tiegħu, li l-intimati kienu qed jallegaw sempliċiment li r-rikorrenti kienet fi stat finanzjarju ħażin. L-allegazzjoni tmur oltre minn hekk u talludi għal sitwazzjoni tant ħażina illi l-kumpanija kienet falliet u kienet qed tfittex l-għajnuna minn terzi.

**Kunsiderazzjonijiet fattwali**

31. Fit-trattazzjoni finali l-abbli avukat difensur tal-intimati stqarr illi l-*audited accounts* tal-kumpanija rikorrenti juru li l-intimati kellhom raġun fl-asserzjoni tagħhom li l-kumpanija kienet waħda falluta. Huwa għamel aċċenn għall-fatt illi bħala *commissions* fl-2014 ir-rikorrenti kienet daħħlet €803,000 mentri fl-2017 dawn kienu niżlu għal €286,000, mentri imbagħad l-*administrative expenses* ma' niżlux bl-istess rata u din hija turija li kien hemm *overload* ta' *expenses*. Irrefera ukoll għall-fatt li filwaqt li fl-2014 il-kumpanija kienet għamlet *operating profitt* ta' € 82,693, fl-2015 dan kien dar għal *operating loss* ta' € 36,382 u fl-2017 għal *operating loss* ta' €96,672. Huwa għalhekk insista illi dawn il-figuri juru li l-artikli kienu ġustifikati u illi "*the operation was clearly insolvent and insolvent by not a small margin*".

32. Il-Qorti ma' taqbilx ma' din l-analiżi. Hija kellha ċ-ċans tevalwa f'ċertu dettal il-*file* pubbliku tal-kumpanija rikorrenti miżmum mir-Reġistratur tal-Kumpanija u li ġie ppreżentat mix-xhud **Claudette Fenech** u partikolarment l-*annual returns* u l-*financial statements* għas-snin 2015 u 2016 li ġew esebiti ukoll mix-xhud Alfred Parnis. Mill-*audited accounts* tal-2015 u l-2016 jidher verament illi l-kumpanija kienet għamlet l-*operational loss* li aċċena għalih l-avukat difensur tal-intimati. Madanakollu dan it-telf bl-ebda mod ma' jista' jingħad li huwa turija ta' xi stat ta' falliment. Filfatt dan huwa evidenti mir-*retained earnings* tal-istess snin li jeċċedu b'mod sostanzjali l-*operational losses* tas-snin imsemmija. Huwa ukoll indikattiv dak li aċċena għalih ix-xhud Robert Borg fis-sens illi għas-sena 2015 il-kumpanija

rikorrent kellha *total equity* ta' €964,635. Il-Qorti għalhekk ma' tistax ma' taqbilx max-xhieda Robert Borg, Claudette Fenech u Alfred Parnis illi d-dokumenti finanzjarji tar-rikorrenti juru stampa opposta ta' dak allegat mill-intimati. Il-kumpanija rikorrenti assolutament ma' kienetx fi stat ta' falliment, fis-sens wiesa' tal-kelma, fiż-żmien li ġew ippubblikati l-artikli in kwistjoni.

**Ir-reputazzjoni ta' korp ġuridiku**

33. Ir-reputazzjoni ta' korp ġuridiku għad li hija differenti minn dik ta' individwu xorta waħda teżisti u timmerita protezzjoni mill-liġi. Din hija kwistjoni li mhux bilfors tikkoinċidi ma' dik tal-inġurja tal-isem u l-malafama ta' negozju li l-liġi tipproteġi taħt l-Artikolu 29 tal-Kap. 248 (u illum l-ġurnata taħt l-Artikolu 16 tal-Kap. 579) illi titratta dikjarazzjonijiet qarrieqa li x'aktarx jagħmlu ħsara lin-negozju u li jsiru minn persuna li tkun taf li huma foloz jew li bid-diliġenza xierqa setgħat tkun taf. F'dan il-każ però, huwa ċar illi d-dikjarazzjoni tal-intimati kienet waħda illi tolqot direttament ir-reputazzjoni tal-kumpanija rikorrenti.

34. Skond l-professur tal-liġi Amerikan, Robert Charles Post, il-protezzjoni tar-reputazzjoni ta' individwu hija r-*raison d'être* tal-liġi tal-malafama. Post jiddeskrivi tlett elementi tar-reputazzjoni jew aħjar interessi li għandhom jiġu mħarsa fir-reputazzjoni ta' persuna, ċioe il-proprjetà, l-unur u d-dinjità. Fi kliemu, ir-reputazzjoni hija fenomenu soċjali illi tinbena mill-interazzjoni ta' bejn il-bnedmin u l-interessi li għandhom jiġu mħarsa huma tali li jaffettwaw jew jiġu affettwati minn din l-interazzjoni.[41]

35. L-interessi li għandhom jiġu protetti fir-reputazzjoni ta' individwu huma naturalment differenti minn dawk ta' korp ġuridiku. L-iżjed interess ovvju li kumpanija għandha biex tipproteġi r-reputazzjoni tagħha huwa l-interess **finanzjarju** tagħha. Kwalunkwe kumpanija tista' tiggwadanja benefiċċji finanzjarji kbar minn reputazzjoni tajba u huwa loġiku li jekk din ir-reputazzjoni tiġi mtappna l-istess kumpanija tista' ssofri danni konsiderevoli. Fis-sentenza Ingliża, **Metropolitan Saloon Omnibus Co Ltd v Hawkins (Court of Exchequer, 2 Dec 1858)** ingħad illi:

> *« it is clear that a corporation at common law may maintain an action for libel by which its property is injured...it would be very odd if a corporation had no means of protecting itself against wrong; and if its property is injured by slander it has no means of redress except by action. »*

[41] Robert C Post, *'The Social Foundations of Defamation Law: Reputation and the Constitution'* (1986)

Id-dritt li kumpanija tipproteġi l-interessi tagħha huwa ukoll rikonoxxut mingħajr il-ħtieġa li jiġu ppruvati d-danni. Hekk pereżempju fis-sentenza **South Hetton Coal Co Ltd v North-Eastern News Association Ltd** (1894, Court of Appeal) intqal hekk mill-Qorti tal-Appell Ingliża:

> *« Then, if the case be one of libel – whether on a person, a firm, or a company – the law is that damages are at large. It is not necessary to prove any particular damage; the jury may give such damages as they think fit, having regard to the conduct of the parties respectively, and all the circumstances of the case ... a trading corporation's property or its business may be injured by defamatory statements against its trading character. »*

Fis-sentenza iżjed riċenti **Jameel v Wall Street Journal Europe SPRL** (2006, House of Lords) intqal hekk minn Lord Scott:

> *« the reputation of a corporate body is capable of being, and will usually be, not simply something in which its directors and shareholders may take pride, but an asset of positive value to it. Why else do trading companies pay very substantial sums of money in advertising their names in TV commercials which usually say next to nothing of value about the services or products on offer from the company in question but endeavour to present an image of the company that is attractive and likely to cement the name of the corporation in the public memory? Why do commercial companies sponsor sporting competitions, so that one has the XLtd Grand National or the YLtd Open Golf Championship or the ZLtd Premiership? It is surely because reputation matters to trading companies and because these sponsorship activities, associating the name of the company with popular sporting events, are believed to enhance the sponsor's reputation to its commercial advantage. The organisers of a variety of activities some sporting, some cultural, some charitable, are constantly on the look-out for sponsorship of the activity in question by some commercial company. The choice of sponsor and the reputation of the sponsor matter to these organisers. Who would these days choose a cigarette manufacturing company to sponsor an athletic event or a concert in aid of charity? If reputation suffers, sponsorship invitations may be reduced, advertising opportunities may become difficult, customers may take their custom elsewhere. If trade suffers, profits suffer. »*

36. Fir-rigward tal-interess finanzjarju ta' kumpaniji, Lord Reid kien qal hekk fis-sentenza **Lewis v. Daily Telegraph Ltd (1964, AC)**

> *« A company cannot be injured in its feelings, it can only be injured in its pocket. Its reputation can be injured by a libel but that injury must sound in money. »*

**Kunsiderazzjonijiet**

37. Il-liġi l-ġdida taħt il-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta tirrikonoxxi dan il-kunċett u żżid l-element ta' *"telf finanzjarju serju"* meta fil-*proviso* għall-Artikolu 3(4) tipprovdi kif ġej:

***« 3(4) Stqarrijiet mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba:***

***Iżda, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ħsara lir-reputazzjoni ta' korp li jopera għal profitt mhijiex ħsara serja sakemm ma tkunx ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju. »***

38. Kif intqal minn din il-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Euro Resorts Investments Limited v. Madeline Bonnici** (Rik. 77/2019 RM, 18/02/2021)[42]:

> *« Dan ir-rekwiżit tas-serjetà tal-ħsara lir-reputazzjoni jew tat-telf finanzjarju, jew potenzjal ta' ħsara jew telf serju, introdott għall-ewwel darba permezz tal-liġi l-ġdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi threshold ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-suċċess ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248). Jingħad ukoll li dan il-kriterju m'huwiex marbut mal-quantum tad-danni likwidabbli f'każ li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, iżda huwa rilevanti esklussivament għas-suċċess tal-azzjoni, għaliex dan il-kriterju jiddetermina jekk listqarrija impunjata għandhiex titqies bħala diffamatorja jew le għall-finijiet tal-Att. Il-Qorti tqis ukoll illi l-istħarriġ meħtieġ mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar l-element tal-ħsara serja jew telf finanzjarju serju, huwa wieħed li għandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att u dan mill-Qorti sua sponte mingħajr il-ħtieġa li titressaq eċċezzjoni ad hoc fir-rigward u dan għaliex il-kriterju jinċidi fuq l-azzjonabbilità tal-allegat malafama. Dan ifisser illi anke jekk jirriżulta li l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-kontestazzjoni kif prospettati mill-Att, ma jkunux fondati jew altrimenti ma jissodisfawx il-kriterji meħtieġa mil-liġi għas-suċċess tagħhom, l-azzjoni tista' xorta waħda tfalli t-test stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att jekk jirriżulta illi wara kollox il-pubblikazzjoni ma rrekatx u m'hijiex kapaċi li tirreka, ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ressqet l-azzjoni. »*

39. Kif ingħad iktar 'l fuq huwa r-reġim tal-Att Dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta) li japplika għal din il-kawża u għalhekk li jrid jirriżulta sabiex l-azzjoni taħt l-artikolu applikabbli tal-liġi (Art. 29) tirnexxi huwa illi:

1. Ikun hemm dikjarazzjoni falza;
2. Id-diffamatur ikun jaf, jew bid-diliġenza xierqa seta' jkun jaf li:

---

[42] Din is-sentenza ġiet imdawwra fl-appell (per Onor. Imħallef Lawrence Mintoff) però l-Qorti tal-Appell kienet qablet mal-insenjament tal-Ewwel Qorti kkwotat hawnhekk.

i. d-dikjarazzjoni magħmula minnu hija falza U
ii. x'aktarx tista' tagħmel ħsara lil xi negozju jew proprjetà oħra

40. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-kumpanija rikorrenti ma kienitx fi stat ta' falliment. U għalkemm mhux ta' rilevanza diretta għal din il-vertenza (stante illi din hija azzjoni miftuħa mill-kumpanija rikorrenti taħt l-Art. 29 u mhux mid-diretturi personalment taħt l-Art. 28), minkejja li ġie allegat li l-kaġun tat-tmexxija ħażina tal-President tal-GWU u l-Kontrollur Finanzjarju wassal għal dan il-falliment, l-intimati ma resqu ebda' prova li dan kien il-każ. Anke dwar l-allegazzjoni serjjissima li l-flus tar-rikorrenti intużaw għal skopijiet oħra mit-tmexxija ma' tressqet l-ebda prova. Kien jinkombi fuq l-intimati li darba li eċċepew l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti jressqu l-provi in sostenn ta' dak li ġie ppubblikat. L-intimati ma resqu ebda' provi sabiex jissostanzjaw dak li allegaw. La rnexxielhom jipprovaw li r-rikorrenti kienet fi stat ta' falliment u wisq anqas ma ppruvaw li dan kien b' konsegwenza ta' xi aġir tad-diretturi tal-kumpanija.

41. B'analiżi ta' dan l-artikolu l-Qorti ma' temminx li l-editur jew l-artikolista ppubblikaw dikjarazzjoni li kienu jafu li hija falza. Għalhekk il-Qorti trid tindaga jekk bid-diliġenza xierqa l-intimati setgħux ikunu jafu li hija falza u li x'aktarx ser tagħmel ħsara lin-negozju tar-rikorrenti.

42. Kif diġà kellha l-opportunita' tirrimarka f'kawżi oħra ta' din in-natura, il-Qorti tifhem u tapprezza x-xogħol tal-ġurnalisti u r-rwol fundamentali tal-media bħala r-raba' pilastru ta' soċjetà demokratika. Hafna drabi dan l-istess xogħol ftit jiġi apprezzat mill-pubbliku li ftit jew xejn tgħaddilu minn moħħu kemm ġurnalist ta' stoffa jaħdem taħt pressjoni u kemm jidħol għal riskji sabiex jaqdi l-inkarigu tiegħu. Madanakollu l-Qorti ma' tistax tinjora każijiet fejn jidher pjuttost ċar illi r-riċerka ġurnalistika ma' tkunx saret jew inkella tkun saret b'mod superfiċjali. Mix-xhieda tal-intimat Nathaniel Attard per eżempju qajla jirriżulta li saru xi verifiki mal-persuni konċernati qabel il-pubblikazzjoni tal-artiklu. Filwaqt li xehed illi ġew mitkellma xi diriġenti ta' Middlesea Insurance huwa qal li dan seta jikkonfermah biss l-intimat Micallef. Dan tal-aħħar però ma' xehedx f'dawn il-proċeduri. F'dak li jirrigwarda l-*accounts* tal-kumpanija rikorrenti dawn kienu faċilment aċċessibbli lill-intimati (bħala ma' huma aċċessibbli lill-pubbliku) li min-naħa tagħhom setgħu ħadu parir professjonali mingħand esperti sabiex jieħdu stampa fidila tas-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrenti fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas ma ġiet verifikata r-raġuni vera għaliex il-QIC ma' kienetx baqgħet il-prinċipal tal-kumpanija rikorrenti ġewwa Malta.

43. Il-Qorti trid tqis ukoll illi dan l-artikolu ġie ppubblikat fiż-żmien meta kienu għaddejjin in-negozjati sabiex r-rikorrenti ikollha prinċipal ġdid. L-intimati ċertament kellhom ħjiel li kienu għaddejjin dawn in-negozjati u ma jistax jkun li ma ħadux in konsiderazzjoni l-fatt li l-dikjarazzjonijiet tagħhom x'aktarx setgħu jkollhom effetti negattivi ħafna fuq l-operat tar-rikorrenti u fuq in-negozju tagħha tal-*motor insurance* fejn l-element ta' fiduċja u s-serħan il-moħħ tal-assigurat hija element importanti fl-għażla li jagħmel il-klijent.

44. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti ma' tarax kif l-eċċezzjonijiet tal-verità tal-fatti u tal-*fair comment* jistgħu jreġu meta l-allegazzjoni ċentrali magħmula mill-intimati rriżultat li kienet waħda falza. Qed jiġi għalhekk deċiz li bl-artiklu in kwistjoni saret malafama tan-negozju fit-termini tal-Art. 29 tal-Kap. 248 u li r-rekwiżiti sabiex tirnexxi din l-azzjoni ġew sodisfatti.

**Likwidazzjoni tad-danni**

45. Fir-rigward tad-danni taħt il-Kap. 248, din il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiġi biex tillikwidahom stante illi dawn huma ta' natura morali u ma' jirrappreżentawx telf attwali. Madanakollu kif inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet '**Andrew Borg Cardona et v. Aaron Farrugia'** (ECLI:MT:AINF:2018:114767 – 18.12.2018 – Imħallef Anthony Ellul):

> *« jkun iktar floku jekk f'kawża ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza tagħti r-raġunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut iħallas. Hemm diversi raġunijiet, bħal per eżempju:*

- *In-natura u s-serjetà tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;*
- *Il-mezz tal-pubblikazzjoni;*
- *Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;*
- *Li l-awtur ikun għamel apoloġija jew offra li jagħmel apoloġija;*
- *Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;*
- *Fejn il-konvenut ikun invoka l-verità tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun ġew imxandra jkunu rriżultaw li huma veri; »*

46. Il-Qorti tqis ukoll li s-somma likwidata għandha tirrifletti:

1. l-gravita' tal-kummenti da parti tal-intimati;
2. il-fatt li l-intimati faċilment setgħu jipprevedu li l-informazzjoni kontenuta fl-artikolu setgħet tikkawża ħsara lin-negozju ta-rikorrenti.

3. Il-kriterju tas-sens ta' proporzjon li jqis il-fatt tal-inġurja, tal-gravita' tagħha, tal-persuna (jew il-kariga) li lejha l-inġurja hija diretta, flimkien mal-pubbliku li dik l-inġurja tkun trid tilħaq[43]

47. Fil-każ in eżami ma hemmx dubju li l-kummenti esposti fl-artikolu li jpinġi r-rikorrenti bħala kumpanija falluta, meta ma kienitx, jilħaq l-għola grad ta' gravita' fejn jirrigwarda r-reputazzjoni tar-rikorrenti. Dan huwa ulterjorment gravi meta wieħed jqis li n-natura tax-xogħol tar- rikorrenti fil-kamp tal-assigurazzjoni teżiġi li l-klijenti tagħha jkollhom fiduċja sħiħa fiha. Huwa naturali li klijent attwali jew prospettiv, hu u jaqra l-artikolu, jkun propens li jieħu s-servizzi li għandu bżonn mingħand kumpanija oħra kompetitriċi tar-rikorrenti. Ir-riperkussjonijiet tad-dikjarazzjoni falza magħmulha mill-intimati huma tali li jistgħu jibqgħu jinħassu għal snin.

48. Ulterjorment, ir-rikorrenti kienet fi stadju ta' negozjati ma prinċipal ġdid, il-Mapfre Middlesea u l-intimati bid-dikjarazzjonijiet tagħhom setgħu faċilment ġabu fix-xejn dawn l-istess negozjati. Huwa ukoll iżjed minn possibbli li kumpaniji oħra li setgħu kienu interessati li jibnu relazzjoni professjonali mar-rikorrenti jitnaffru milli jkomplu jesploraw possibilita' ta' ftehim wara li jkunu qraw l-artiklu. Ma hemmx dubbju li l-intimati kienu konxji ta' dan (jew bid-diliġenza xierqa setgħu jkunu jafu) u li d-dikjarazzjonijiet tagħhom x'aktarx kien ser jkollhom konsegwenzi.

49. Għalhekk il-Qorti qed tiffissa l-ammont ta' danni taħt l-Art. 29 fis-somma ta' tlett elef u ħames mitt euro (€3,500).

**Deċiżjoni**

50. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati, tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti b'dan li:**

1. **Tiddikjara illi bil-pubblikazzjoni tal-artikolu intitolat "Tfalli l-Untours, l-aġenzija tal-assigurazzjoni tal-GWU" fl-edizzjoni ta' "*In-Nazzjon*" tat-13 ta' Novembru 2015 l-intimati huma responsabbli ta' inġurja u malafama ta' negozju ai termini tal-Art. 29 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta billi għamlu dikjarazzjoni li kienu jafu jew bid-diliġenza xierqa**

[43] **Brian Ebejer v Dennis Degiorgio** (PA 2066/1998/1JRM deciza 29.09.2011)

**setgħu ikunu jafu li hija falza u li x'aktarx tagħmel ħsara lin-negozju tar-rikorrenti;**

2. **Tikkundanna lill-intimati jħallsu lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta' tlett elef u ħames mitt euro (€ 3,500) bħala danni taħt l-Art. 29 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Bl-ispejjeż kontra l-intimati.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur